MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2008

Numru 16/2006

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Vs**
**Alex Mallia**

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuza numru 16 tas-sena 2006 kontra l-akkuzat Alex Mallia, li bih huwa gie akkuzat talli:

1. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Ewwel Kap illi fid-disa (9) ta' Marzu, elfejn u hamsa (2005) il-Pulizija waqqfu il-vettura Hyundai Stellar DAA-074 fl-inhawi tal-Handaq, limiti Qormi, ghal habta tal-hamsa ta' filghaxija (5 pm) misjuqa min Alex Mallia. Illi Alex Mallia minkejja li kien iccirkundat mill-Pulizija pprova isuq min fuq il-post u jahrab b'sewqan perikoluz, negligenti u traskurat tant li bil-vettura tieghu laqghat u ghamel hsara fuq il-vettura tal-Korp tal-Pulizija GVP460 fl-ammont ta' LM75. Illi fil-pussess illegali tieghu il-Pulizija sabu ammont kbir ta' raza tal-cannabis, u cioe hdax il-blokka tal-piz komplessiv ta' 2439.3 grammi, liema kwantita' ferm kbira ta' raza

mehuda mill-pjanta cannabis kienet intiza sabiex tigi mghoddija lill-haddiehor f'Malta bi skop ta' qliegh. Illi il-valur ta' din d-droga kien jaqbez it-LM8000. Ir-raza mehuda mill-pjanta cannabis hija medicina perikoluza ikkontrollata bil-ligi taht l-Ordinanza dwar Medicini perikoluzi, w ma kien hemm ebda licenzja jew awtorizzazzjoni mahruga taht l-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi li tawtorizza l-pussess tad-droga perikoluza msemmija.

Illi b'ghemilu l-imsemmi Alex Mallia sar hati talli kellu fil-pussess tieghu d-droga raza mehuda mill-pjanta cannabis li ghaliha tapplika t-Taqsima lll tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi, 1939 (Kap. 101) meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-esportazzjoni jew importazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi 1939 (Kap. 101) u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija w ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta w ma kienx awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N. 292/39) jew b'xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu w dik id-droga ma kienitx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija b'dan, li r-reat kien wiehed taht tali cirkostanzi li juri li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Ghaldaqstant, l-Avukat Generali, fl-isem fuq imsemmi, akkuza lill-imsemmi Alex Mallia hati talli kellu fil-pussess tieghu d-droga raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza, li ghalihom tapplika t-Taqsima III tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi, 1939 (Kap. 101) meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall- esportazzjoni jew importazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi 1939 (Kap. 101) u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzata li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija w ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta w ma kienx awtorizzat bir-

Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N. 292/39) jew b'xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu w dik id-droga ma kienitx fornita lilu ghall uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija b'dan, li r-reat kien wiehed taht tali cirkostanzi li juri li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija ghal ghomru w multa mhux inqas minn elf lira Maltija (Lm1000) izda mhux izjed minn hamsin elf lira Maltija (Lm50,000) u l-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew proprjeta' mobbli w immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja, skond dak li hemm u jintqal fl-Artikoli 8(a)(b), 10(l), 12, 14(l)(5), 20, 22(l)(a)(2)(a)(i)(ii), 22(2)(b)(i) u 26 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u r-regola 8 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N. 292/39) u fl-Artikoli 23, 20, 17(b) u 533 tal-Kodici Kriminali, jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

2. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tieni Kap illi fiz- zmien u taht ic-cirkustanzi indikati fl-ewwel kap tal-Att tal-Akkuza u cioe fid-9 ta' Marzu 2005, tal-Handaq, ghal xi 5pm, Alex Mallia pprova jahrab mil-Pulizija. Illi hu uza vjolenza w irrezista l-arrest tieghu minn persuni inkarigati min servizz pubbliku w addirittura ikkaguna hsara f'vettura tal-Pulizija GVP460 li kienet tammonta ghal LM75.

Illi b'ghemilu l-imsemmi Alex Mallia sar hati talli attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra persuna nkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li tkun tagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita kompetenti.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali, fl-isem fuq imsemmi, akkuza lill-imsemmi Alex Mallia hati talli attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra persuna nkarigata skond

il-ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li tkun tagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita kompetenti.

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi hu jigi ikkundannat ghall-piena ta' prigunerija minn erba' xhur sa sena skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 95 u 96(a) u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kwalunkwe piena ohra li tista skond il-ligi tighata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

3. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tielet Kap illi fiz-zmien u taht ic-cirkustanzi indikati fl-ewwel kap tal-Att tal-Akkuza u cioe fid-9 ta' Marzu 2005, tal-Handaq, ghal xi 5pm, Alex Mallia ipprova jahrab mil-Pulizija. Illi hu uza vjolenza w irrezista l-arrest tieghu minn persuni inkarigati min servizz pubbliku w addirittura ikkaguna hsara f'vettura tal-Pulizija GVP460 li kienet tammonta ghal LM75.

Illi b'ghemilu l-imsemmi Alex Mallia sar hati ta' hsara volontarja fi proprjeta' pubblika w cioe' talli volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor , mobbli jew immobbli, b'dan li l-ammont tal-hsara ma kienx jiskorri l-hames mitt lira imma kien izjed minn hamsin lira, b'dan ukoll lil-hsara saret fi proprjeta' pubblika.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali, fl-isem fuq imsemmi, akkuza lill-imsemmi Alex Mallia hati ta' hsara volontarja fi proprjeta pubblika w cioe' talli volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, b'dan li l-ammont tal-hsara ma kienx jiskorri l-hames mitt lira imma kien izjed minn hamsin lira, b'dan ukoll li l-hsara saret fi proprjeta' pubblika;

Talab illli jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi huwa jigi kkundannat ghall-piena ta' prigunerija minn seba' xhur sa sentejn skond dak li hemm u jintqal fl-artikolu 325(b) u t-tieni u t-tielet provisos tal-istess artikolu w 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kwalunkwe piena ohra li tista skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

4. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fir-Raba' Kap talli fiz- zmien u taht ic-cirkustanzi indikati fl-ewwel kap tal-Att tal-Akkuza u cioe fid-9 ta' Marzu 2005, tal-Handaq, ghal xi 5pm, Alex Mallia ipprova jahrab mil-Pulizija. Illi hu uza vjolenza w irrezista l-arrest tieghu minn persuni inkarigati min servizz pubbliku w addirittura ikkaguna hsara f'vettura tal-Pulizija GVP460 li kienet tammonta ghal LM75. Illi s-sewqan tieghu kien perikoluz, traskurat u b'nuqqas ta' kont u seta kellu konsegwenzi ferm aktar serji.

Illi b'ghemilu Alex Mallia sar hati talli saq motor car b'nuqqas ta' kont, bi traskuragni jew b'mod perikoluz.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali akkuza lill-imsemmi Alex Mallia hati talli saq motor car b'nuqqas ta' kont, bi traskuragni jew b'mod perikoluz.

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi huwa jigi ikkundannat ghall-multa ta' mhux izjed minn mitt lira jew prigunerija mhux izjed minn tlett xhur skond dak li hemm u jintqal fl-artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-ligijiet ta' Malta jew ghal kwalunkwe piena ohra li tista skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

Rat l-atti kollha processwali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni.

Rat in-nota tal-akkuzat tal-14 ta' Frar, 2008 li biha nforma lil din il-Qorti li ma kienx hemm htiega li tigi formata gurija stante li f'dan il-kaz se tigi registrata ammissjoni.

Rat illi waqt is-seduta tal-25 ta' Frar, 2008, l-akkuzat, mistoqsi jekk hux hati skond l-Att tal-Akkuza, wiegeb billi stqarr li hu kien hati tar-reati hemm dedotti kontra tieghu;

Rat illi wara li l-Qorti wissiet lill-akkuzat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' din it-twegiba w tatu ftit taz-zmien biex jerga' lura minnha, kif obbligata li taghmel skond l-artikolu 453 (1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-akkuzat baqgha jtenni t-twegiba li hu kien hati;

Tiddikjara ghalhekk lil Alex Mallia :-

1. hati talli fid-9 ta' Marzu, 2005, f'tal-Handaq, limiti ta' Hal-Qormi, kellu fil- pussess tieghu d-droga raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza, li ghalihom tapplika t-Taqsima III tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi, 1939 (Kap. 101) meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall- esportazzjoni jew importazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi 1939 (Kap. 101) u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzata li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija w ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta w ma kienx awtorizzat bir- Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N. 292/39) jew b'xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu w dik id-droga ma kienitx fornita lilu ghall uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija b'dan, li r-reat kien wiehed taht tali cirkostanzi li juri li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu, w dana skond l-Ewwel Kap tal-Att tal- Akkuza;

2. hati talli fid-9 ta' Marzu, 2005, f'tal-Handaq, limiti ta' Hal-Qormi, attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra persuna nkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li tkun tagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita' kompetenti, w dana skond it-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuza;

3. hati talli fid-9 ta' Marzu, 2005, f'tal-Handaq, limiti ta' Hal Qormi,volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, b'dan li l-ammont tal-hsara ma kienx jiskorri l-hames mitt lira imma kien izjed minn hamsin lira, b'dan ukoll li l-hsara saret fi proprjeta' pubblika, w dana skond it-Tielet Kap tal-Att tal-Akkuza;

4. hati talli fid-9 ta' Marzu, 2005, f'tal-Handaq, limiti ta' Hal-Qormi, saq motor car b'nuqqas ta' kont, bi

traskuragni jew b'mod perikoluz, u dana skond ir-Raba' Kap ta' l-Att tal-Akkuza.

Rat il-fedina penali aggornata tal-hati esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti w ezaminata mid-difiza.

Semghet ix-xhieda ta' Vicky Scicluna, mis-Sedqa, Michael Orlando w tal-Ispettur Norbert Ciappara.

Qieset is-sottomissjonijiet tal-abbli difensur Dr. Joseph Giglio, li jinsabu kollha registrati w senjatament (imma mhux biss) is-segwenti:-

Li ghalkemm kien sar tentattiv ghall-patteggjament ghall-fini tal-art.453A tal-Kodici Kriminali, l-inqas piena li kien dispost jaccetta l-Avukat Generali kienet dik ta' ghaxar snin prigunerija u multa ta' ghaxart elef lira Maltin. Dan ma kienx accettabbli ghad-difiza ghal diversi ragunijiet.
Li l-Qorti kellha taghmel analogija ma kazi ohrajn decizi minnha biex jkun jista' jinzamm certu proporzjon u ghalhekk id-difiza ghamlet riferenza specifika ghal-diversi kawzi decizi minn din il-Qorti.
Dan kien kaz ta' darba wahda biss u jirrigwarda d-droga cannabis li, ghalkemm bil-ligi hi trattata bl-istess mod bhal drogi ohra, hu risaput li l-hsara li taghmel hija inqas minn dik ta' sustanzi ohra.
Li l-purita' tad-droga f' dan il-kaz kienet biss ta' xi 11% u cioe' inqas minn dik li nstabet fil-kawzi l-ohra citati mid-difiza.
Li l-fedina penali tal-hati ma kienetx wahda refrattarja.
Li ghalkemm ma kienx applikabbli l-arti. 29 tal-Kap.101, il-fatt li l-hati ta certa informazzjoni lill-Ispettur Ciappara kellu jittiehed in konsiderazzjoni.
Li ghalkemm il-hati kien qed jammetti t-tieni kap, ma setax jinstab hati taht l-artikolu 95 u 96 fl-istess hin u l-fatti aktar jinkwadraw ruhom fir-reat kontemplat fl-art. 95 milli fir-reat ta' attakk u rezistenza.
Li l-hsara kienet wahda involontarja w mhux volontarja.
Li l-hati rregistra ammissjoni bikrija wara li gew decizi l-eccezzjonijiet preliminari tieghu.

Qiest is-sottomissjonijiet tal-abbli prosekutrici Dr. Nadine Sant li qalet li hawn si trattava ta' aktar minn zewg kilos u nofs cannabis. L-artikolu 29 ma japplikax f' dan il-kaz ghax billi l-hati semma xi ismijiet ta' nies li l-pulizija gja kienu jafu bihom, ma jiswa' xejn. Minkejja li l-hati nghata diversi opportunitajiet biex johrog mill-vizzju tieghu ta' *drug dependency*, kif irrizulta mix-xhieda li ddeponew quddiem din il-Qorti, dan ukoll ma sewa' ghal xejn. Li l-valur fit-triq tad-droga misjuba kien igib mat-LM8000. Saret ukoll riferenza ghall xi kazistika fejn ghal kwantita' ta' droga w ammonti ferm u ferm inqas minn dawk li nstabu ghand il-hati, din il-Qorti erogat piena ta' disa' snin prigunerija fuq ammissjoni. Ghalhekk l-Avukat Generali kien qed jibqa' jinsisti fuq piena minima ta' mhux inqas minn disgha snin f' dan il-kaz

Ikkonsidrat;

Qieset li skond il-proviso tal-artikolu 22(2)(a)(i)(aa) tal-Kap.101, meta l- Qorti tkun tal-fehma li meta tqis l-eta’ tal-hati, l-kondotta ta’ qabel tal-hati, l-kwantita’ tal-medicina w x-xorta w l-kwantita’ tat-taghmir jew materjal, jekk ikun il-kaz, involuti fir-reat u c-cirkostanzi l-ohra kollha tar-reat, il-piena ta’ prigunerija ghall-ghomor ma tkunx dik xierqa, f’kazijiet bhal dawn il-Qorti tista’ tikkundanna lill-persuna misjuba hatja ghall-prigunerija ghal zmien ta’ mhux inqas minn erba snin izda mhux izjed minn tletin sena w multa ta’ mhux inqas minn elfejn, tlitt mija w disgha w ghoxrin Ewro u sebgha w tletin centezmu (Eur.2329.37c), ekwivalenti ghall-elf lira Maltin, izda mhux izjed minn mija w sittax il-elf, erba mija u tminja w sittin Ewro u seba w sittin centezmu (Eur.116,468.67c), ekwivalenti ghal hamsin elf lira.

Qieset li l-hati rregistra ammissjoni qabel ma giet iffurmata l-gurija;

Qieset il-gurisprudenza ta’ dawn il-Qrati w Qrati esteri dwar tnaqqis fil-piena meta l-hati jammetti l-htijiet tieghu fi stadju kmieni tal-process u b’hekk jiffranka hafna xoghol u spejjez inutili ghall-amministrazzjoni tal-gustizzja; (Ara **“Ir-Repubblika ta’ Malta vs. Nicholas Azzopardi”,** Qorti

Kriminali, [24.2.1997] ; **“Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa”,** Qorti tal-Appell Kriminali, [7.7.2002] u BLACKSTONE’S CRIMINAL PRACTICE, (Blackstone Press Limited – 2001 edit. ecc.).

Qieset ukoll il-kondotta tal-hati kif ukoll iz-zmien li hu lahaq ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma dawn l-akkuzi;

Qieset il-fatt li l-hati hu tossiko-dipendenti w li minnkejja li ipprova jibda' xi programmi ta' riabilitazzjoni, jispicca jerga' jaqa' fil-vizzju, pero' dan, fil-fehma ta' din il-Qorti ma hu ebda attenwanti.

Qieset finalment il-piena li nghatat minn din il-Qorti f’kazijiet analogi recentement biex ikun jista’ jinzamm certu proporzjon u relativita’ fil-piena ghal dak li jirrigwarda l-gravita’ tar-reat in kwantu l-kwantita’ w purita’ tad-droga, ir-recidivita' o meno, il-fedina penali, meta jkun hemm ammissjoni bikrija, w b' mod specjali meta ma jkunx applikabbli l-artikolu 29 tal-Kap. 101, kif inhu f' dal-kaz u dana bil-ghan li jkun hemm certa uniformita’ f’sentenzi li jirrigwardaw din il-marterja.

Illi ghalkemm il-partijiet iccitaw diversi sentenzi ta' din il-Qorti biex javallaw il-pozizzjoni taghhom dwar il-piena u f' dan ghamlu emfasi fuq xi kazijiet partikolari, din il-Qorti, kif preseduta, fil-waqt li ttenni li kull kaz ghandu fattispecji differenti w partikolari, ppruvat taghmel ezercizzju minuzzjuz biex tikkalibra l-pieni relattivi f' dawn il-kazijiet ta' droga, fejn il-ligi taghtiha diskrezjoni esagerata. Dan l-ezercizzju f' xi kazijiet gie disturbat mill-istess Prosekuzzjoni meta qablet li kellha tinghata piena ferm inqas milli normalment tinghata kif ukoll meta sentenzi taghha gew varjati fir-rigward tal-piena biss minn Qorti superjuri. Ghalhekk xi eccezzjonijiet fl-applikazzjoni ta' piena uniformi ma ghandhomx jittiehdu bhala r-regola generali.

Ghaldaqstant, wara li qieset dan kollu, l-Qorti, wara li rat l-artikoli 8(a)(b), 10(1), 12, 14, 20, 22(1)(a)(2)(a)(i)(aa),(3A)(d) u 26 tal-Ordinanza dwar il-

Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u r-Regola 8 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N. 292/39), u l-Artikoli 17(b), 95, 96, 325(1)(b), 23, u 533 tal-Kap 9, kif ukoll l-artikolu 15(1)(a) tal-Kap.65 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-hati Alex Mallia ghall-piena komplessiva ta' disa' (9 ) snin prigunerija, b'dana li minn dan il-periodu jrid jinqata' kull zmien li hu ghamel taht arrest preventiv BISS in konnessjoni ma dawn ir-reati kif ukoll li jhallas multa ta' erba w ghoxrin elf Ewro (Eur.24,000) u, jekk din il-multa ma tithallasx minnufieh, tigi awtomatikament konvertita fi' tmintax (18) il-xahar prigunerija ohra skond il-ligi, kif ukoll li jhallas is-somma ta' erba' mija w tlieta w tmenin Euro w tmienja w tmenin centezmi ( €483.88), import tal-ispejjez tal-perizji nkorsi tul il-process tal-hati a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tordna ukoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjeta' mobbli w immobbli ohra tal-hati.

Tordna ukoll id-distruzzjoni tal-istess droga esebita a kura tad-Deputat Registratur ta' din il-Qorti bl-assistenza tal-Ispizjar Mario Mifsud, sakemm, fi zmien hmistax il-jum mil-lum l-Avukat Generali b'Nota ma jinfurmax lil din il-Qorti li ghandu bzonn li din id-droga tigi prezervata ghal skop ta' xi proceduri ohra kontra terzi w b'dan li l-istess Deputat Registratur ghandu jirraporta b'verbal lil din il-Qorti meta din id-droga tkun giet hekk distrutta,

Tordna li jekk l-ispejjez tal-perizji ma jithallsux fi zmien hmistax il-jum mil-lum, jigu konvertiti f' terminu ta' prigunerija skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------